MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1566/2005

**Employment & Training Corporation**

**Vs**

**Gilbert Camilleri  I.D. 553985(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-25 ta’ Lulju 2005, fejn il-Korporazzjoni attrici talbet illi tithallas is-somma ta’ seba` mija u tmienja u erbghin Liri Maltin (LM748) ghar-ragunijiet indikati u msemmija fl-istess Avviz;

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fl-1 ta’ Settembru 2005;

Ra x-xhieda ta’ Felix Borg, General Manager Operations tal-Korporazzjoni attrici, moghtija fis-seduta tas-6 ta’ Ottubru 2005 u d-dokumenti minnu esebiti;

Ra ukoll ix-xhieda tal-konvenut Gilbert Camilleri moghtija fis-seduta ta’ l-10 ta’ Novembru 2005;

Il-kawza giet trattata fis-seduta ta’ l-10 ta’ Novembru 2005 mill-abbli difensuri wara illi l-partijiet iddikjaraw illi ma kien fadlilhom ebda provi xi jressqu u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal qabel xejn jinnota l-ftehim milhuq bejn il-partijiet fis-6 ta’ Awissu 2004 (DOK FB1) u jqis illi dan huwa ftehim mhux biss ta’ estenzjoni ta’ perjodu ta’ impieg u kundizzjonijiet tax-xoghol, izda fuq kollox ftehim li jirregola sponsorship lill-konvenut, bid-drittijiet u obbligi kollha li dan igib mieghu.

Illi dan il-ftehim kien iffirmat u accettat miz-zewg partijiet u ma jidhrix illi hemm kontestazzjoni dwar il-kontenut tieghu.

Jidher illi huwa ukoll pacifiku li jinghad illi l-konvenut ikkompleta l-kors tieghu b’success u li kien offrut post ta’ Executive permezz ta’ ittra ta’ l-20 ta’ Jannar 2005 (DOK FB 2). Dan il-post inghata lill-konvenut b’effett mis-7 ta’ Dicembru 2004 u kellu sitt xhur probationary period.

Fit-2 ta’ Marzu 2005, il-konvenut issottemetta r-rizenja tieghu minn mal-Korporazzjoni attrici u ddikjara illi l-ahhar gurnata tax-xoghol tieghu kellha tkun dik tad-9 ta’ l-istess xahar (DOK FB 3).

L-ghada, ossia fit-3 ta’ Marzu 2005 l-istess konvenut kien ufficjalment u bil-miktub mitlub mill-Korporazzjoni attrici jirrifondi s-somma mitluba fl-Avviz ghar-ragunijiet indikati f’dik l-istess ittra (DOK FB 4).

It-Tribunal jiehu ukoll nota ta’ l-ittra tal-Korporazzjoni attrici mibghuta lill-konvenut fis-27 ta’ Settembru 2004 (DOK FB

6) u li permezz taghha, kif jidher mhux kontestat mill-konvenut stess, filwaqt illi sar referenza ghall-fatt illi l-impjieg ta' l-istess konvenut kien wasal biex jittermina minhabba l-eghluq tal-perjodu definit, (30.09.2004), b'dana kollu l-impjieg kien qed jigi mgedded peress illi r-rizultati ta' l-ezamijiet tal-konvenut kienu ghadhom mhux maghrufa.

Minn din l-ittra jista` jigi konkluz illi l-impjieg kien gie mgedded fuq perjodu definit iehor 'until final results are received'. Infatti l-istess ittra tiddikjara ukoll illi appena johrogu rizultati posittivi, allura l-konvenut kellu jinghata il-post ta' Executive – kif fil-fatt gara.

It-Tribunal jinnota ukoll illi l-Korporazzjoni hallset is-somma ta' elfejn disa `mija u disghin Liri Maltin (Lm2990) bhala spejjes konessi ma' l-istess sponsorship (DOKs FB 7 u FB 8) – provi li ngiebu anke sabiex jiddosifaw it-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenut, u liema provi ma jidhirx illi gew ikkontestati mill-istess konvenut.

It-Tribunal ikkunsidra ukoll il-posizzjoni u l-linja ta' difiza illi ha l-konvenut. Filwaqt illi gja saret referenza ghat-tieni eccezzjoni minnu mressqa, bl-ewwel eccezzjoni l-konvenut jirritjeni illi huwa ma kisirx l-isponsorship agreement u ghaldaqstant ma ghandu jigi obbligat ihallas lura ebda somma kif minnu mitlub.

In sostenn ta' dan, il-konvenut jixhed illi wara illi kien jidher illi l-Bank Centrali ta' Malta kien ser jingaggah, kien staqsa jekk kellux "xi irbit mal-Korporazzjoni attrici qabel ma stajt ningagga ruhi…". Allura jghid illi staqsa direttament lis-Sur Felix Borg dwar dan u li dan kien irrispondieh illi ma kellu ebda rbit ma' l-ETC u li 'lanqas li kieku, mur u good luck'.

Proprju dwar dan pero`, fix-xhieda ta' Felix Borg in kontro-ezami, jirrizulta illi dan qal illi "niftakar illi f'dik il-laqgha, il-konvenut Gilbert Camilleri, staqsieni jekk kemm il-darba kellu xi rbit kontrattwali mal-Korporazzjoni u jiena kont infurmajtu illi kellu jaghti l-ittra ta' rizenja, imbaghad wiehed kien jara l-file u jara x'jirrizulta".

It-Tribunal jinnota ghalhekk illi hemm divergenza totali u assoluta fil-verzjoni tal-fatti kif moghtija miz-zewg kontendenti, u salv allura illi jkun hemm xi prova cara u inekwivoka ta’ xi ftehim li seta` intlahaq jew sar bejn il-partijiet sussegwenti ghall-dak bil-miktub tas-6 ta’ Awissu 2003, it-Tribunal ihoss illi ghandu japplika il-ftehim milhuq fis-6 ta’ Awissu 2003.

It-Tribunal jikkunsidra illi l-konvenut ma rnexxilux jipprova illi l-ftehim tas-6 ta’ Awissu 2003 gie *superseded* b’xi ftehim iehor, verbali jew bil-miktub, in kwantu illi l-verzjoni tieghu tal-ftehim li jallega li kellu mas-Sur Borg ma jirrizultax ppruvat.

Di piu` jirrizulta ukoll illi l-konvenut kien ben konxju mill-ftehim tas-6 ta’ Awissu 2003 u allura kien fl-interess tieghu illi jassikura illi jekk ikkonkluda ftehim iehor differenti, kellu jiehu hsieb illi jaghmel ftehim formali u car sabiex joqtol l-effetti tal-ftehim tas-6 ta’ Awissu 2003 – haga li ma jirrizultax illi saret.

It-Tribunal lanqas ma jista` jaqbel mas-sottomissjoni illi saret mill-abbli Avukat tal-konvenut illi l-ittra ta’ l-20 ta’ Jannar 2005 (DOK FB2) issuperat u issostitwiet il-ftehim tas-6 ta’ Awissu 2003. L-ittra ta’ Jannar 2005 kienet *letter of appointment* f’post gdid filwaqt illi l-ittra ta’ Awissu 2005 kien fuq kollox ftehim illi jistipula l-kundizzjonijiet taht liema l-konvenut kien ser jibbenifika mill-isponsorship illi kienet ser ittih il-Korporazzjoni attrici. Iz-zewg dokumenti huma ancillari ghal u jsegwu lil xulxin imma ma jissostitwux lil xulxin.

It-Tribunal finalment jinnota illi l-Korporazzjoni attrici mxiet b’ekwita` meta flok tablet is-somma intiera ta’ elf Liri Maltin (Lm1000) tablet somma anqas li tirrifletti l-gimghat ta’ xoghol u servizz illi l-konvenut ta’ lill-istess Korporazzjoni attrici wara illi ha l-post ta’ Executive.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xhieda u d-dokumenti

prodotti u t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri tal-partijiet, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa` t-talbiet maghmula mill-Korporazzjoni attrici u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' seba` mija u tmienja u erbghin Liri Maltin ghar-ragunijiet dedotti fl-Avviz, bl-

ispejjes u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------